# Daħna

Sandra Hili Vassallo

"Ejja binti, tgezzez miegħi. Qegħdin 'il bogħod, mhu se jagħmlulna xejn. 'Il bogħod ara qegħdin, mhux se jersqu 'l hawn. In-naħa l-oħra tar-raħal ... Haw' 'il bogħod."

It-tifla titrekken ma' ommha kemm tista', titgeżwer fil-libsa tagħha, idejha madwar żaqq ommha. Ma jwasslux dirgħajha, għax żgħar, u żaqq ommha qed tikber. Xi kultant anke xi daqqa ta' sieq 'l hawn u 'l hemm qed tħoss.

"Qed jilgħab il-futbol Karim, mamà , qed inħossu jagħti bis-sieq".

"Tista' tkun Marjam li qed tilgħab il-futbol, Salima, ma nafux għadna ... ma nafux. Tifel qed jgħiduli ta ..."

Salima titbissem tbissima nervuża u ferħana li jitbissmu t-tfal meta jisimgħu ħsejjes kbar ġejjin mis-sema, ħsejjes li ma jifhmux, li jġiegħlu lil qalbhom tħabbat sitta sitta u jġegħluhom jirtogħdu bil-biża'. U fl-istess ħin iħossu lil ħuhom jilgħab il-futbol fi djul ommhom.

L-omm tagħrax lil Salima f'qaddha u t-tifla tinfaqa' tidħaq daħqa li tinbidel f'sulluzzu li bil-mod il-mod jinbidel fi nħir ċkejken baxx baxx.

Ir-riħa tal-kubrit għadha ma xterditx, għadha mdendla fuqhom bhal ċpar fuq ċimiterju fl-istampi tal-kotba tal-biża'. Jekk ma tqumx naqra żiffa, did-daħna griża hemm se tibqa'. Meta tgħaddi, Ażiża beħsiebha tqum tbexxaq naqra t-twieqi u forsi anke tixref il-bieb ta' barra.

Setgħet tinduna li barra għad hemm in-nies miġburin. Għadhom ma tferxux, bħad-daħna. Tgħid tissogra toħroġ tittawwal ftit ? M'għandhiex aptit tiċċaqlaq u jdejn bintha madwar qaddha u l-plejer tal-futbol medhi jittrennja huma biżżejjed għaliha għalissa.

Xi darba trid taħseb biex tmur tixtri l-ikel u l-bżonnijiet ta' kuljum, xi darba trid tipprova tieħu t-tifla l-iskola, xi darba trid terġa' tibda tgħix.

Ġimgħa qabel li għeb żewġha kien inkiser il-flixkun tal-ħall li kien parti minn sett ta' żewġ fliexken tal-ħġieġ ċatti minn naħa u mżaqqin min-naħa l-oħra iserrħu dahar ma' dahar. Kien ġabhomlha kuġinuha mill-Amerka fejn kellu restorant żgħir. Il-flixkun il-farradi deher stramb waħdu wieqaf m'għandux ma' xiex iserraħ.

Iġibilha ieħor kuġinuha, tgħid? Tgħid jerġa' jiġi lura żewġha? Tgħid il-ħmir il-lejl li jduru għaliha malli tagħlaq għajnejha kull filgħaxija għadhom iżuru lil bintha wkoll? Taħt kemm-il saff jintrodmu l-memorji l-koroh?

Il-plejer tal-futbol għadu qiegħed fil-għama u fl-irdoss, ma jafx bi fliexken imkissra jew bi ħsejjes kbar qishom bombi jriegħdu l-art. Qiegħed fil-kwiet ta' baħar kalm, imwennes, bla mewġ, bla biża', bla mewt.

Ażiża titħarrek u tipprova tqum. Għandha aptit tibki, għandha aptit tintefa' f'rokna tolfoq. Għandha aptit tiftaħ it-tieqa. Tiżżerżaq minn fuq is-sodda, tħoll idejn Salima minn ma' qaddha u timxi titbandal lejn it-tieqa u tbexxaq il-purtelli. Id-daħna ta' kubrit donnha għaddiet u l-bombi donnhom waqfu. Jidhru anke l-kwiekeb kważi kif kienu jidhru minn fuq it-torba tal-bejt ta' darha żmien żmien ilu.

Rat ukoll illi n-nies issa naqsu u l-ftit li għad baqa' qajla qed jagħtu kasha tittawwal mit-tieqa. Il-festa għaddiet, il-marċ spiċċa u l-bandisti nbelgħu fil-każin. Il-knisja ntfiet, il-qniepen siekta, il-bibien magħluqa. Il-qaddis għall-irdoss jistordi bl-irwejjaħ tal-fjuri tal-bukketti.

U l-bombi kienu waqfu sa sena oħra meta jerġgħu jibdew telgħin waħda waħda mill-għalqa tas-Sulli.